MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 354/2006

John u Maria konjugi Azzopardi
vs
Joseph u Pauline konjugi Azzopardi

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

Illi l-intimati kienu debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' hamsin elf mija u wiehed u tmenin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm50,181.96), ammont dovut skond kif kien jirrizulta mill-iskrittura privata datata 22 ta' Marzu 2006, li kopja taghha giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok A;

Illi s-somom avvanzati mir-rikorrenti lill-intimati, kif kien jirrizulta mill-istess anness dokument, kienu naxxenti principalment minn fondi li kienu di natura ta' facilitajiet

bankarji avvanzati lir-rikorrenti, li ghalhekk kienu jimportaw rati ta’ interessi u kalkolazzjonijiet fuq l-istess bazi bhal dawk applikati mill-banek kummercjali, liema rati u kalkolazzjonijiet kienu ghalhekk debitament riflessi fil-ftehim ta’ bejn il-partijiet;

Illi minkejja diversi promessi ripetuti ta’ pagament u minkejja li kienu gew interpellati biex ihallsu tali ammont minnhom dovut permezz ta’ ittra legali datata 11 ta’ April 2006, il-konvenuti kienu baqghu inadempjenti;

Illi dan id-dejn kien cert, likwidu u dovut, u fil fehma tar-rikorrenti, l-intimati ma kellhom ebda eccezzjoni valida x’jissollevaw kontra l-pagament tal-istess;

Illi ghalhekk kellu wkoll jirrizulta li ghal dawn il-proceduri kienu applikabbli d-disposti vigenti fuq id-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili  (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ hamsin elf mija u wiehed u tmenin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm50,181.96), dovuta kif premess, u dan bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 11 ta’ April 2006 u interessi legali dekorribbli fuq l-ammont principali mid-data tan-notifika ta’ l-att prezenti sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehdet Maria Azzopardi li kkonfermat li mid-data tal-prezentata tar-rikors huma ma dahhlu ebda flus minghand l-intimati u ghalhekk l-istess somma ghadha dovuta.

Rat illi l-intimati debitament notifikati, ma dehrux ghas-seduta tal-lum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi r-rikors bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 ***et seq*** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, qed tilqa' t-talba rikorrenti u tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' hamsin elf mija u wiehed u tmenin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm50,181.96).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 11 ta' April 2006 u interessi legali dekorribbli fuq l-ammont principali mid-data tan-notifika ta' l-att prezenti sad-data tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------